MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1129/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marcel Bartoli, sija bil-ligi u sija bil-polza**
**vs**
**Paul u doreen mizzewgin Berry, rispettivament bil-karta ta' identita' numru 611160(M) u 605861(M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2005, fejn intalab l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm350.40) rapprezentanti danni sofferti minn Marcel Bartoli, assikurat mas-socjeta` attrici, nhar l-10 ta' Dicembru, 2003 wara li sehhet perkolazzjoni ta' ilma mill-fond okkupat mill-konvenut u /jew proprjeta` tal-istess, liema fond jinsab sovrastanti l-fond proprjeta` tal-imsemmi Marcel Bartoli, u ghall-liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici.**

**Il-konvenuti, ghalkemm interpellati, baqghu inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuti, li gew ngunti in subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-8 ta' Gunju, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:**

**i. Ma kien hemm ebda negligenza da parti tal-konvenuti li ghalih jistghu jinzammu responsabbli.**

**ii. Ma kien hemm ebda evidenza pre-ezistenti tal-potenzjal tad-danni.**

**iii. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kwantum tad-danni huwa esagerat.**

**iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**v. Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Gordon Axiaq u Paul Berry. Ra l-affidavits ta' Marcelle Bartoli u Paul Berry. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob danni rizultanti minn perkolazzjoni ta' ilma li allegatament grat mill-fond tal-konvenuti, sovrastanti l-fond tal-attur. Dana sehh fl-10 ta' Dicembru, 2003.**

**2. L-attur spjega kif filghodu, fil-jum fuq imsemmi, sab hafna ilma diehel fil-fond tieghu. Kien hemm il-hitan imxarrba u t-tapit tal-kamra tas-sodda irvinat. Ikkuntattja lill-konvenut, li gie u sab flexi pipe ta' taht is-sink li kien infaqa.**

**3. Dwar id-anni xehed Gordon Axiaq ghas-socjeta` attrici, u gew esebiti d-dokumenti a fol.21 sa fol.25.**

**4. Li l-ilma kien hiereg mil flexi pipe imsemmi gie konfermat minn Paul Berry. L-istess konvenut jghid li ma jhossux responsabbli peress li sa dakinhar dan il-pipe qatt ma ta problemi.**

**5. Mix-xhieda huwa evidenti li dan il-pipe mar f'daqqa, u b'hekk gie kkawzat l-allagament. Ta ' dan definitivament ma ghandu ebda tort l-attur li jrid jerga**

**jitqieghed fl-istat li kien qabel ma grawlu d-danni. Il-konvenuti kienu responsabbli ghall dan il-pipe, u sakemm ma jirrizultax mod iehor huwa ghandohm jirrizarcixxu id-danni li sofra l-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin lira maltija u erbghin centezmu (Lm350.40) bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------